Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1279

26.6.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1279**

**tas-26 ta' Ġunju 2025**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malinni tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill jikkunsidra li jenħtieġ li persuna fiżika waħda tiżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SZŁAPKA

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj).

*ANNESS*

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", tiżdied l-entrata li ġejja:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "38. | Nathalie YAMB | Data tat-twelid: 22.7.1969<br>Post tat-twelid: La Chaux-de-Fonds, Switzerland<br>Nazzjonalità: Żvizzera u Kamerunjana<br>Sess: mara | Nathalie Yamb hija influwenzatur tal-media soċjali. Mis-summit ta' Sochi li attendiet fl-2019, Nathalie Yamb kienet sostenitur miftuħ tar-Russja, adottat il-lingwa ta' Moska u mmirat lil Franza u l-Punent b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu esklużi mill-kontinent Afrikan. Hija għandha rabtiet speċifiċi mal-AFRIC, organizzazzjoni marbuta ma' kumpaniji militari privati Russi.<br>Għalhekk, Nathalie Yamb qed tappoġġa azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew fl-Istati Membri tagħha billi tinvolvi ruħha fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni. | 26.6.2025". |